MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 2212/1997/1

**Avviz.  numru 2212/97**

**Numru**

**Rita Ruggier**

**Vs**

**Maher Youssef (Asleh)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attrici s-somma ta' elf Lira Maltija (Lm1,000) mislufa lill-konvenut brevi manu.  Bl-imghax jiddekorri minn notifika u bl-ispejjez, inkluzi dawn tal-mandat ta' qbid li gie pprezentat kontestwalment ma l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 26 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hux minnu illi sar xi self mill-attrici lill-konvenut kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attrici</u> meta xehdet permezz ta' 'affidavit' u fil-kontro ezami kif ukoll permezz ta' dokumenti (fol 5 u fol 48 et seq ibid) spjegat illi, ghal madwar sentejn hi u l-konvenut kellhom relazzjoni bejniethom u difatti kienu saru konviventi. Madwar sitt xhur qabel ma giet terminata din ir-relazzjoni il-konvenut xtaq jixtri karozza u filfatt din giet akkwistata, fil-bidu f'isimha bil-prezz specifikat fl-istess xhieda. In rigward dan l-akkwist, l-attrici kienet hallset Lm500 bhala parti mid-depositu waqt li l-bilanc dovut kellu jithallas mill-konvenut ratealment billi nhargu kambjalijiet pagabbli mill-istess konvenut. Dwar il-flus mahrugin minnha bhala parti mid-depositu inizjali tal-istess prezz, l-attrici semmiet illi dawn kellhom jithallsu lura lilha mill-konvenut 'meta jkun jista'.

Inoltre l-attrici kienet, ulterjorment, hallset zewg pagamenti fit-23 ta' April 1997 u fis-27 ta' Mejju 1997 ammontanti ghal Lm80.18,0 il-wahda. Hawnhekk il-vettura in kwistjoni giet trasferita minn isem l-attrici f'isem l-istess konvenut, liema fatt kien gara madwar erba' xhur wara l-akkwist tal-istess karozza u ghal dan il-ghan hi kienet selfet Lm87 sabiex dan it-trasferimet jkun jista' jsir. Inoltre wara li sehh dan it-trasferiment, hi kienet hallset zewg rati ohra dovuti ammontanti ghal Lm73.82,0 il-wiehed. Fl-ahhar tax-xhieda taghha, l-attrici specifikat pagamenti ohra li saru billi selfet flus lill-konvenut u dan skond kif elenkati fil-paragrafi 8 u 9 tal-istess affidavit. Meta ir-relazzjoni bejniethom kienet giet terminata l-attrici kienet talbet lill-konvenut sabiex dan jhallas lura, l-ammonti kollha mislufa minnha lilu u dan kien accetta li jhallashom lura bir-rata ta' Lm50 fix-xahar izda dan qatt ma kien avvera ruhu.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut xehed ukoll permezz ta’ affidavit, b’dokumenti annessi, u li jinsab a fol 60 et seq ibid u hu, hawnhekk jsostni illi s-somma ta’ Lm500 avvanzata mill-attrici lilu bhala parti mid-depositu fuq l-istess korozza, kienet rigal lilu u mhux self. Inoltre hu jsostni li l-pagamenti rateali li saru vis-à-vis il-prezz tal-karozza, saru kollha minnu. Inoltre dwar il-pagamenti l-ohra li saru, dawn kienu filfatt saru mill-attrici ‘izda bi flus tieghu’ u ‘ghalhekk m’ghandi ntiha xejn minnhom’ peress li dawn kienu saru ‘bi flus li hi gibdet bil-cashlink tieghu mill-kont bankarju tieghu’.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi rilevanti ghal dan il-kaz, jidher mill-premess illi l-attrici tikkontendi illi, matul ir-relazzjoni bejnha u l-konvenut, hi kienet selfet lil dan ammont ta’ flus, in eccess ta’ dak mitlub minnha fl-avviz in esami, u dan sabiex il-konvenut jkun jista’ jakkwista il-karozza msemmija fl-istess provi. Il-konvenut, da parti tieghu, jsostni li dawn il-flus kienu u parti donazjoni manuwali w, in parti, flus tieghu stess izda mhallsin mill-attrici. Meta f’kazijiet simili, l-Qorti kif presjeduta kienet rinfaccjata b’kazijiet bhal dawn b’zewg versjonijiet tal-fatti konfliggenti bejniethom. Hi mxiet a basi ta’ zewg kriterji li huma l-ekwita jew arrikkament ingustifikat. Fil-kaz in desamina, gie pruvat illi dawn il-flus intuzaw sabiex, eventwalment il-konvenut jkun jista’ jakkwista karozza u jhallas parti mill-prezz taghha kif ukoll tal-ispejjes relattivi ghall-istess karozza li giet trasferita fuq isem l-istess konvenut sabiex dan sar, ghal kull effett u fini fil-ligi, il-proprjetarji taghha. F’kaz bhal dan il-Qorti tara li, a basi tal-kriterju kif prestabbilit u hemm fuq imsemmija, ghandu jigi presunt illi l-istess flus, gew avvanzati mill-attrici w imhallsa minnha minn flusha bl-obbligu li l-istess ammont ghandu jigi restitwit minnha, waqt li l-konvenut ghandu l-jedd li jgib il-provi sabiex jikkontrobatti tali presunzjoni permezz ta’ preponderanza tal-istess provi. F’dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ma rnexxilux jaghmel dan u ghalhekk

l-istess flus ghandhom jigu konsiderati bhala mislufa ‘brevi manu’ mill-attrici lilu u b’hekk jigi evitat illi l-konvenut seta’ jiehu vantagg ingustifikat mis-sitwazzjoni u jarrikixxi ruhu dejjem b’mod ingustifikat.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta, kif risultanti mill-istess avviz.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm1000 bl-imghax legali mill-20 ta’ Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju tat-23 ta’ Ottubru 1997.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------